MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 184/2006

**Kawża Nru: 32**

**Rikors Ġuramentat Nru: 184/06 JA.**

**A B**

**-vs-**

**C D**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-31 ta' Mejju, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-23 ta' April, 2004 bir-rit ċivili skond id-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. "RS1";

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Briffa, liema kuntratt ġie insinwat fis-17 ta' Mejju, 2006;

3. Illi l-kunsens ta' l-intimat inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

4. Illi inoltre, il-kunsens ta' l-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-dmirijiet essenzjali tagħha tant li minkejja li żżewweġ huwa ried ikompli jgħix ħajja ta' ġuvni mingħajr l-ebda sens ta' responsabilta' lejn iż-żwieġ.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq esposti, l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat mill-kontendenti fit-23 ta' April, 2004 huwa null u bla effett legali a tenur ta' l-Art. 19 (1) (d) u l-Art. 19 (1) (f) ta' Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u sussegwentement tagħti dawk il-provvedimenti kollha l-oħra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fil-11 ta' Settembru, 2006 li permezz tagħha l-konvenut espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi huwa jaqbel illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti għandu jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi għar-raġunijiet u tortijiet imputabbli unikament għall-attriċi u għalhekk l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu ssopportati unikament mill-attriċi;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-liġi.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attriċi u ta' Antonia Meli u tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tas-22 ta' Ġunju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' April, 2004 a bażi ta' l-artiklu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Naturalment, kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni.

L-artikolu ċitat mill-attriċi jirrigwardja (għalkemm mhux indikat espressament);

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi li tressqu ma hemmx l-iċken dubbju li ż-żwieġ għandu jkun dikjarat null. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda insolita fis-sens li skond l-attriċi skond ir-reliġjon tagħha jekk persna tibda toħroġ ma' xi ħadd tas-sess oppost, bilfors ikun bi skop taż-żwieġ u għalhekk fil-fehma tagħha huma bilfos kellhom jimxu f'dik it-triq. Da parti tiegħu l-komportament tal-konvenut kien wieħed li jindika li ma kellux kunsens kif suppost għaż-żwieġ u anke jidher li ma kellu ebda intenzjoni li jkollu tfal; xi ħaġa li ġġib magħha l-annullament kif spjegat is-sentenza maġistrali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh deċiża fit-30 ta' Marzu, 1994.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fit-23 ta' April, 2004. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------